**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawza Nru: 619/2013**

**Illum: 26 ta' Settembru 2018**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Dennis Thuema)**

**vs**

**Andrea Guiga**
**(ID 207494(M))**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat, Andrea Guiga ta' 17-il sena, iben Antonio u Anna nee` Fenech, imwieled Pieta` fit-2 ta' Mejju 1994 u residenti *Casa Santa Rita*, Triq F. M. Ferretti, Birzebbugia, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 207494(M);

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fl-1 ta' Mejju 2013 u matul l-ahhar tnax-il xahar ta' qabel din id-data:

a) Ittraffika, biegh, qassam jew offra li jittraffika, jbiegh jew iqassam medicina piskotropika u ristretta (*Mephedrone*) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta'

Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati;

b) Kellu fil-pussess tieghu medicina psikotropika u ristretta (*Mephedrone*) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati, liema medicina nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

c) Kellu fil-pussess tieghu medicina psikotropika u ristretta (*Mephedrone*) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati;

d) Kellu fil-pussess tieghu l-pjanta *Cannabis* kollha jew bicca minnha bi ksur tal-Artikolu 8(d) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

e) Kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta *Cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

f) Kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li tipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli ta' l-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939), kif sussegwentament emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

g) Kellu fil-pussess tieghu medicina psikotropika u ristretta (*ecstasy*) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati;

h) Ikkommetta dawn ir-reati fi, jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-parametru ta' skola, *club*, jew xi post simili fejn normalment jiltaqghu z-zghazagh bi ksur tal-artikolu 22(2) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skont il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artiklu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti, inkluz l-Ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 120A tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li Ghandhom x'Jaqsmu Maghha (Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta) u l-Ordni tal-istess Avukat Generali bis-sahha tas-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat ukoll illi fis-seduta tat-8 ta' Mejju 2015, l-imputat irregistra ammissjoni dwar l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni tal-imputat fir-rigward tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, il-Qorti ma tistax hlief issibu hati ta' dawn l-istess imputazzjonijiet.

Ghal fini ta' piena, il-Qorti kkunsidrat illi mill-atti processwali, jirrizulta illi fil-jum in kwistjoni, l-imputat gie arrestat gewwa l-istabbiliment *Numero Uno,* f'Ta' Qali, fejn instab fil-pussess ta' numru ta' pakketti bi trab abjad, suspettat *Mephedrone* u maghruf bhala *Miao Miao.* Skont ix-xhieda tal-Ispettur Dennis Theuma[1], instabu cirka dsatax-il pakkett b'dan it-trab fil-pussess tal-istess imputat, li b'kollox kienu jammontaw ghal cirka sitt grammi. Fl-istqarrija rilaxxjata minnu fit-2 ta' Mejju 2013[2], l-imputat jghid illi huwa xtara dawn il-qratas bil-*miao miao* jumejn qabel, illi huwa kellu l-vizzju tal-*miao miao*, u li kien ilu sena b'dan il-vizzju. Jirrizulta wkoll mill-istess stqarrija illi dakinhar huwa kien ta l-*miao miao* lil zewgt ihbieb tieghu u li din tahielhom minghajr

[1] Ara a fol. 16 sa 20 tal-process.
[2] Din tinsab esebita a fol. 5 u 5A tal-process.

hlas. Jghid ukoll illi din kienet l-ewwel darba li kien ta d-droga lil terzi. L-imputat jistqarr ukoll illi fl-istess jum, huwa kien ghamel uzu minn pillola *ecstasy*, liema pillola huwa kien sabha mal-art fl-istess stabbiliment. F'okkazzjonijiet rari kien jiehu l-kokaina u l-ahhar li ha minnha kien erba' xhur qabel, fil-waqt illi kwazi kuljum kien ipejjep ir-raza tal-*cannabis*. L-ahhar li pejjep ir-raza kien madwar tliet ijiem qabel u normalment kien jiehu nifs mill-*joints* ta' shabu.

Il-Qorti qieset ukoll l-ammissjoni bikrija tal-imputat f'dawn il-proceduri, kif ukoll illi l-imputat ikkopera mal-pulizija waqt l-investigazzjoni taghha u d-dikjarazzjoni tal-Prosekuzzjoni, fis-sens illi l-imputat ghandu jibbenefika mid-disposizzjonijiet tal-Artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta. Fil-fatt fix-xhieda tieghu, l-Ispettur Theuma jghid illi bl-ghajnuna tal-imputat, il-Pulizija Ezekuttiva kienet f'posizzjoni li tiehu passi kriminali kontra terza persuna in konnessjoni ma' traffikar ta' droga. La darba l-imputat ghen b'mod effettiv sabiex jinqabdu terzi persuni nvoluti fit-traffikar tad-droga, fil-fehma tal-Qorti, ai termini tal-Artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, kif res applikabbli ghar-reati kkontemplati fl-ewwel zewg imputazzjonijiet bis-sahha tal-Artikoli 120A(2A) u (2B) tal-Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta, huwa ghandu jibbenefika minn diminuzzjoni fil-piena bi tnaqqis ta' zewg gradi in kwantu prigunerija u b'nofs in kwantu l-piena pekunjarja.

Tqis ukoll ic-cirkostanzi tal-kaz, in-numru ta' pakketti u l-ammont ta' droga li nstabet fil-pussess tal-imputat, kif ukoll illi fil-jum mertu tal-kaz odjern, l-imputat ma kellux sbatax-il sena, kif indikat erronjament fic-citazzjoni odjerna, izda tmintax-il sena, u dan kif jirrizulta mill-att ta' twelid tieghu esebit in atti.[3] Fil-fatt l-ghada tal-arrest tieghu u fil-jum li huwa rrilaxxja l-istqarrija, l-imputat ghalaq dsatax-il sena. Qieset madankollu anke l-eta` tenera tal-imputat fiz-zmien tal-kaz. Qieset ukoll illi huma applikabbli d-disposizzjonijiet tat-tieni proviso tal-Artikolu 120A(2) tal-Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta stante illi l-imputat gie addebitat bl-aggravju tad-distanza u ghalhekk il-piena ghandha tizdied bi grad.

Il-Qorti kkunsidrat ukoll il-fedina penali tal-imputat kif aggornata sa Awwissu 2015, liema fedina penali kienet wahda netta. Minkejja li l-Qorti ordnat lill-Prosekuzzjoni sabiex tesebixxi fedina penali aggornata tal-imputat, din baqghet ma gietx esebita. Fi kwalunkwe kaz, anke mill-*Pre-Sentencing Report* redatt fil-konfront tal-imputat, ma jidhirx li huwa rega' kellu skontri mal-gustizzja.

Il-Qorti qieset ukoll il-*Pre-Sentencing Report* datat 7 ta' Ottubru 2015, kif ukoll l-aggornament tal-istess rapport datat 17 ta' Frar 2017, it-tnejn redatti mill-

[3] Ara a fol. 9 tal-process.

Ufficjal tal-*Probation* Glen Grixti fil-konfront tal-imputat.[4] Jirrizulta mir-rapport inizzjali illi l-imputat kellu l-ewwel kuntatt mad-droga meta r-relazzjoni ma' omm bintu ntemmet, sussegwentement huwa beda jaghmel uzu minn diversi tipi ta' droga, u kompla jghix hajja kaotika ghal madwar sentejn, meta gie arrestat in konnessjoni mal-kaz odjern. Il-Qorti tinnota wkoll illi donnu l-imputat m'gharafx l-importanza tal-*Pre-Sentencing Report* ghaliex ma kienx regolari fl-appuntamenti tieghu mal-Ufficjal tal-*Probation,* kif lanqas ma attenda ghal sessjonijiet mal-Agenzija Sedqa, minkejja li nghata zewg appuntamenti. In oltre f'izjed minn sessjoni wahda mal-Ufficjal tal-*Probation,* l-imputat ammetta li kien qed jaghmel uzu mill-*cannabis* sintetika, ghalkemm jghid ukoll illi kien qed inaqqas mill-uzu ta' din id-droga. Kampjun tal-urina li ttehidlu fit-28 ta' Settembru 2015 irrizulta fin-negattiv ghal tehid ta' sustanzi illeciti. Skont l-Ufficjal tal-*Probation,* ikun ghaqli illi l-imputat jattendi ghal sessjonijiet ta' kura gewwa wahda mill-Agenziji li joffru servizz ta' ghajnuna kontra l-abbuz tad-droga, liema servizz ghandu jghin sabiex l-istess imputat ma jergax jirritorna ghall-hajja kaotika li kien jghix fil-passat, ma jinvolvix ruhu f'attivita` kriminali u ma jiffrekwentax nies li jabbuzaw minn dawn is-sustanzi, fil-waqt li jircieva l-ghajnuna sabiex ma jibqax jaghmel uzu mill-*cannabis.* Ghaldaqstant u fid-dawl tan-natura tal-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat, l-istess Ufficjal tal-*Probation* irrakkomanda illi l-istess imputat jinghata piena karcerarja, b'dan illi jinghata l-possibilita` li jindirizza l-abbuz minn sustanzi.

Fl-aggornament dwar l-andament tal-imputat, imbaghad, l-Ufficjal tal-*Probation* jghid illi l-imputat attenda ghal tnejn minn erba' appuntamenti moghtija lilu, kellu impjieg regolarizzat, u li huwa kien irrikorra ghall-ghajnuna tal-psikjatra Mark Xuereb (li xehed ukoll f'dawn il-proceduri)[5] minhabba li kien qed ibati minn ansjeta` kbira. L-istess psikjatra madankollu informa lill-Ufficjal tal-*Probation* illi l-imputat kien ilu ma jaghmel kuntatt mieghu u minkejja illi l-istess Ufficjal heggeg lill-imputat sabiex jerga' jistabilixxi kuntatt, dan baqa' m'ghamlux. Zewg kampjuni tal-urina li ttiehdu lill-imputat f'Jannar 2017 irrizultaw fin-negattiv ghal sustanzi illeciti.

Il-Qorti tqis illi ghalkemm kien hemm aspetti posittivi fil-hajja tal-imputat fiz-zmien li gie redatt l-aggornament dwar l-andament tieghu, biss jidher ukoll illi huwa ghadu mhuwiex qed jirrikonoxxi l-importanza li huwa jfittex l-ghajnuna sabiex jibqa' l-boghod mid-droga u ma jergax lura ghall-hajja li kien qed jghix u li r-rakkomandazzjonijiet moghtija lilu mill-professjonisti ma jistghux hlief ikunu ta' gid ghalih.

---

[4] Dawn jinsabu esebiti a fol. 54 sa 63 tal-process u a fol. 90 tal-process rispettivament.

[5] Ara a fol. 71 sa 87 tal-process.

Ghal fini ta' piena, il-Qorti qeghda tapplika d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(h) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta fir-rigward tal-imputazzjonijiet (a) u (b) u qieset ukoll, kif diga` inghad, illi mill-atti jirrizulta illi l-imputat kien ilu juza l-*mephedrone* ghall-perjodu ta' madwar sena u ghalhekk m'hijiex tqis ir-reat fl-imputazzjoni (c) bhala kompriz u involut fir-reat fl-imputazzjoni (b). In linea mar-rakkomandazzjonijiet tal-Ufficjal tal-*Probation*, qeghda tqieghed lill-imputat taht Ordni ta' *Probation* u dan dwar l-imputazzjonijiet (c), (d), (e), (f) u (g). Fil-fehma tal-Qorti jkun ghaqli illi l-imputat jigi segwit u jibqa' f'kuntatt ma' Ufficjal tal-*Probation* u dan sabiex jibqa' l-boghod mid-droga u ma jergax lura ghall-hajja ta' qabel.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 8(a), 8(d), 22(1)(a), 22(2)(b)(ii) u 29 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02 u l-Artikoli 40A, 120A(1)(a), 120A(2)(b)(i) u (ii), 120A(2A) u (2B) u t-tieni proviso tal-Artikolu 120A(2) tal-Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolament 3(1) tal-Avviz Legali 22 tal-1985 u l-Artikolu 17(h) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, qed issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghall-piena ta' erba' (4) xhur prigunerija effettiva u piena ta' tmien mija u hamsin ewro (€850) li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tista' tithallas mill-hati b'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin ewro (€50), bl-ewwel pagament isir fi zmien xahar mil-lum, b'dan illi jekk il-hati jonqos milli jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija skont il-ligi.

In oltre bl-applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tqieghed lill-hati taht Ordni ta' *Probation* ghal zmien sentejn mil-lum u dan bil-kundizzjonijiet kontenuti fl-istess Ordni, liema Ordni ghandha tifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi skont il-ligi, kemm il-darba huwa jikkommetti reat iehor waqt il-perjodu tal-*Probation* jew jikser xi wahda mill-kundizzjonijiet tal-istess Ordni.

Tordna li kopja tas-sentenza tintbaghat lid-Direttur tal-*Probation* u *Parole* sabiex jinhatar Ufficjal tal-*Probation* biex isegwi lill-hati.

Tordna wkoll id-distruzzjoni tad-droga esebita bhala Dokument DT u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *proces-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni. Dan

sakemm fi zmien gimgha mil-lum, l-Ufficjal Prosekutur ma jinformax lil din il-Qorti, permezz ta' nota, illi huwa necessarju illi din id-droga tigi prezervata ghal skop ta' xi proceduri ohrajn kontra terzi, b'dan illi f'dan il-kaz, ir-Registratur ghandu jirrapporta lil din il-Qorti, b'verbal, meta din id-droga tkun giet hekk distrutta.

Stante li ma gewx mahtura esperti f'dawn il-proceduri, il-Qorti qeghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni ghall-hlas tal-ispejjez ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat